**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 820/2024 MS*

**Mohamed Nasir Ibrahim Shadi**

**Vs.**

**L-Awtorità għat-Trasport f'Malta**

Illum, 13 ta' Frar, 2025

Kawża Numru: 2

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attur fil-25 ta' Lulju 2024, li permezz tiegħu huwa ippremetta u talab dan li ġej:

> Illi l-attur gab gewwa Malta l-vettura tieghu fuq imsemmija bl-intenzjoni li jzommha hawn f'Malta ghal ftit zmien anqas minn 7 xhur. Jinghad li l-attur fil-fatt kien gie Malta bl-intendiment li jsegwi kors gewwa il-European Pilot

Academy. Huwa gab il-vettura tieghu Malta fit-18 ta' Mejju 2022, kif jirrizulta mill-anness dokument li qed jigi esebit bhala DokA.

Illi in effeti l-attur attenda dan il-kors pero wara certu zmien biddel il-kors tieghu u attenda gewwa EIE institute of Education, liema kors huwa kkonkluda b'success kif jirrizulta mill- anness dokument mmarkat bhala DokB.

Illi fil-11 t'Awwissu 2022 wara inqas minn tlett xhut minn mindu r-rikorrent dahhal il-vettura tieghu gewwa Malta, din giet ittowjatha u ppusessatha mid-dirgenti tal-Awtorita intimata.

Illi llum sabiex l-attur jithalla jirtira l-vettura tieghu qed jintalab ihallas is-somma ta' xejn inqas minn 48,457 u raprezentanti ta din is-somma inter alia taxxa tar-registrazzjoni.

Illi in effeti s-socjeta konvenuta tikkontendi li l-attur qua student kellu japplika ghal deroga fit- termini tal-Artiklu 7 (1)(2) u l-Artiklu 18(1)(c) tal-Kap. 368 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi pero ghandu jingħad li l-ligi msemmija ma kientex u ma tapplikax ghall-attur u dan essendo l-fatt li l-istess attur qatt ma kellu l-intenzzjoni jzomm il-vettura gewwa Malta ghal aktar minn 7 xhur.

Illi alla hares kien ikun mod iehor ghax kieku l-istudenti kollha li jigu f'Malta minn pajjizi qrib bhal l-Italja sabiex jattendu nghidu ahna kors tal-Ingliz u jigu bil-vetturi taghhom, ikollhom joqodu jitlobu derogi u estenzjonijiet sabiex ikollhom il-karozza taghhom ghal ftit gimghat. L-istess japplika ghal dawk it-turisti li jigu hawn Malta fuq btala bil-vetturi taghhom.

Illi l-ligi tirrikjedi li l-vettura tigi rregistrata f'dan il-pajjiz jekk dak li jkun ikun gabha Malta b'mod permanenti jew jekk ikun student li jzommha ghal aktar minn 7 xhur.

Illi ghalhekk l-agir tas-socjeta konvenuta huwa wiehed illegali u l-vettura ttiehdet minghajr jedd u kumpens u hu ghandu il-jedd li jadixxi lil dawn il-Qrati sabiex jikkonsolida l-patrimonju tieghu u jiehu lura l-vettura.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabli Qorti joghgobha prevja li tiddikjara li l-Awtorita intimata m'għandha l-ebda jedd tikkonfiska l-vettura tieghu su imsemmija, rilaxx tal-istess a favur ir-rikorrent.

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata mressqa fit-13 t'Awwissu 2024 mill-Awtorità konvenuta[1], li permezz tagħha din eċċepit hekk:

> 1. Preliminarjament, huwa pależ illi essenzjalment l-azzjoni intentata mir-rikorrent Mohamed Nasir Ibrahim Shadi hija intiża biex tattakka l-egħmil amministrattiv imwettaq mill-Awtorita' rispondenti; tant hu hekk illi t-talba tiegħu hi sabiex "prevja li l-Awtorita' intimata m'għandha ebda jedd li tikkonfiska l-vettura su imsemmija (*u kwindi l-egħmil amministrattiv minnha mwettaq bil-konfiska ta' tali vettura huwa invalidu u mingħajr effett*) tordna r-rilaxx tal-istess a favur tar-rikorrent *(u kwindi tħassar u tannulla l-egħmil amministrattiv imwettaq mill-Awtorita' rispondenti).* Konsegwentement l-azzjoni intavolata mir-rikorrent għandha titqies bħala kawża magħmula abbażi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-azzjoni intavolata mir-rikorrent hija perenta għaliex affetta bid-dekadenza ta' sitt (6) xhur a tenur ta' sub-artikolu (3) tal-imsemmi artiklu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> 2. Sussidjarjament, u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, it-talba tar-rikorrenti għar-rilaxx da parti tal-Awtorita' rispondenti tal-vettura in kwistjoni a favur tiegħu hija kompletament infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante illi l-konfiska tal-imsemmija vettura da parti tal-Awtorita' rispondenti saret korrettement u skond il-liġi u dan għar-raġunijiet li diġa ġew estensivament imfissra lir-rikorrent tramite l-pluralita' ta' avukati li sa issa assistewh fuq dan il-każ, inkluż fil-proċeduri minnu intavolati għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni illi ġew deċiżi kontra tiegħu (ara kopja tad-Digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fl-1 ta Frar, 2023, hawn anness bħala Dok. 'A').
>
> 3. Sussidjarjament, u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, it-talba tar-rikorrenti għar-rilaxx da parti tal-Awtorita' rispondenti tal-vettura in kwistjoni a favur tiegħu hija kompletament infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt anke fid-dawl ta' dawn il-fatti u kunsiderazzjonijiet saljenti –
>
> (i) illi fit-18 ta' Mejju, 2022 r-rikorrent importa mil-Libja vettura tal-ghamla Maserati Gran Turismo irregistrata l-Libya bin-numru 5.2236588;

[1] Fol.9.

(ii) illi l-imsemmija vettura ġiet imneħħija mit-triq fil-11 t'Awissu, 2022 peress li r-rikorrent (li kien qed isuq l-imsemmija vettura) kien qed jużaha fit-triq bi ksur tal-liġi stante li, bħala detentur ta' Karta tal-Identita' jew Permess ta' Reżidenza Maltija, kien qed juża vettura irreġistrata barra minn Malta (bi pjanċi barranin) u li ma kellux permess li bih seta' juża il-vettura għal perjodu temporanju bla ma tiġi rreġistrata;

(iii) illi għalkemm ir-rikorrent iddikjara li f'Jannar tal-2022 kien irreġistra fi programm fi skola partikolari biex isir bdot (dan qabel ma, żmien wara, kellu konverżjoni Damaxxena u daħal f'kors tat-tekonoloġija tal-informatika, kif minnu dikjarat fl-att promotur), huwa ma kienx applika mal-Awtorita' rispondenti biex jikseb permess temporanju tal-istudenti taħt il-L.S. 368.01;

(iv) illi, oltre dan, jirriżulta illi r-rikorrent qatt m'attenda l-imsemmija skola mill-bidu ta' Frar, 2022 tal-inqas sa Jannar, 2023 u għalhekk, irrispettivament mill-kwistjoni tar-reġistrazzjoni għall-ħruġ ta' permess temporanju, huwa setax jippretendi li għandu jitqies li qed joqgħod u jirrisjedi f'Malta bil-għan ewlieni li jsegwi l-istudji tiegħu f'istituzzjoni edukattiva awtorizzata u konsegwentement f'kull każ huwa ma kienx jikkwalifika għall-eżenzjoni tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-imsemmija vettura taħt il-L.S. 368.01;

(v) iċ-ċertifikat eżebit mir-rikorrent bħala Dok. 'B' huwa maħruġ minn istituzzjoni bbażata fir-Renju Unit jisimha 'Qualifi' u għalhekk kollox jindika illi ċ-ċertifikat li huwa ottjena fl-10 ta' Ġunju, 2024 ('il fuq minn sentejn minn meta kien importa l-Maserati tiegħu f'Malta!!) kien b'riżultat ta' kors *on-line* ossija bir-*remote learning* li seta' jsegwi minn kwalsijasi pajjiż, u għalhekk kjarament ma jissodisfax ir-rekwiżiti meħtieġa għall-eżenzjoni.

4. Illi t-talba tar-rikorrent hija kompletament infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u għalhekk timmerita li tiġi sommarjament miċħuda bl-ispejjeż kontra tieghu.

3. Rat illi fl-udjenza tal-10 t'Ottubru 2024, din il-Qorti ordnat li qabel xejn tiġi trattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta;

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, flimkien mal-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Rat is-sottomissjonijiet bil-kitba li ġew preżentati;

6. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija azzjoni li permezz tagħha l-attur qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-Awtorità konvenuta m'għandha ebda jedd tikkonfiska l-vettura tal-mutur tiegħu u konsegwentement tordnalha teħles l-istess vettura favur tiegħu.

8. L-Awtorità konvenuta laqgħet għat-talbiet tal-attur b'għadd ta' eċċezzjonijiet, fosthom dik li l-azzjoni tal-attur hija perenta skont l-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Din id-deċiżjoni qed tingħata biss dwar dik l-eċċezzjoni.

9. Il-fatti tal-każ kif jirriżultaw sa issa u sa fejn huma rilevanti għall-eċċezzjoni li qegħda tiġi trattata permezz ta' din id-deċiżjoni huma s-segwenti.

10. L-attur jgħid li huwa sid ta' vettura tal-marka Maserati GT, reġistrata fil-Libja. Huwa importa din il-vettura fit-18 ta' Mejju 2022 bil-ħsieb illi jżommha f'Malta għal perjodu li huwa anqas minn seba' xhur, li matulu kien beħsiebu jsegwi kors ġewwa l-Akkademja Ewropea tal-Bdoti. Fil-11 t'Awwissu 2022[2], l-Awtorità konvenuta ħadet pussess tal-vettura tiegħu billi ġibditha minn fejn kienet tinsab fit-triq u dan għaliex skontha, l-attur ma kellux permess biex juża vettura bil-pjanċi barranin f'Malta għal perjodu temporanju[3]. Sabiex l-attur jitħalla jieħu lura l-pussess tal-vettura tiegħu, huwa qed jintalab iħallas is-somma ta' €48,457 li tirrappreżenta t-taxxa għar-reġistrazzjoni tal-vettura f'Malta.

11. Skont l-Awtorità konvenuta, l-attur kellu jitlob deroga skont l-artikoli 7(1) u (2) u 18(1)(ċ) tal-Kapitolu 368 tal-liġijiet ta' Malta, filwaqt li l-attur jgħid li din il-

[2] Fol.21.
[3] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Brian M. Farrugia, a fol.19.

leġiżlazzjoni ma tapplikax għalih billi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jżomm il-vettura f'Malta għal aktar minn seba' xhur.

12. Fit-2 ta' Settembru 2022[4], l-Awtorità konvenuta ppubblikat lista ta' vetturi li kienu ttieħdu minnha u li kienu se jiġu rkantati jekk is-sidien rispettivi ma kienux se jieħdu ħsieb jagħmlu dak neċessarju biex jieħdu lura l-vettura tagħhom. Din il-lista kienet tinkludi l-vettura tal-attur.

13. L-irkant sar fis-16 ta' Settembru 2022 iżda ħadd ma kiseb din il-vettura. Dawk il-vetturi li ma jinbiegħux f'irkant bħal dan solitament jiġu *scrapped* mill-Awtorità konvenuta, iżda l-vettura tal-attur ma ġralix hekk minħabba li l-attur kien qed jistaqsi għaliha[5]. Jidher li saru bosta laqgħat bejn rappreżentanti tal-Awtorità konvenuta u l-attur fejn ġie spjegat lilu għaliex il-vettura tiegħu kienet ġiet konfiskata.

14. B'rikors magħmul fit-12 ta' Jannar 2023[6], l-attur talab il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra l-Awtorità konvenuta sabiex iżommha milli «*tiskreppja, taljena, tittrasferixxi, tiddereġistra, tiddistruġġi, jew b'xi mod tieħu azzjoni jew tkompli kwalunkwe azzjoni ta' infurzar, jew azzjoni eżekuttiva fuq u/jew dwar il-vettura tat-tip Maserati GT bin-numru ta' reġistrazzjoni Libjan 5.2236588, preżentement fil-kontroll tal-Awtorità*». Talba li ġiet miċħuda b'dikriet tal-1 ta' Frar 2023[7].

15. Fis-sena 2024, wara korrispondenza li l-Awtorità konvenuta tgħid li rċeviet mingħand avukat tal-attur[8], hija ħarġet sejħa biex il-vettura tal-attur, flimkien ma' oħrajn, tiġi *scrapped*. Meta mbagħad saret din il-kawża, l-Awtorità konvenuta ddeċidiet li ma tipproċedix u minflok tistenna l-eżitu tal-kawża.

16. Fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur jgħid «*Illi għalhekk l-aġir tas-soċjetà konvenuta huwa wieħed illegali u l-vettura ttieħdet mingħajr jedd u kumpens u hu għandu il-jedd li jadixxi lil dawn il-Qrati sabiex jikkonsolida l-patrimonju tiegħu u jieħu lura l-vettura*».

---

[4] Fol.24.
[5] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Brian M. Farrugia, a fol.19.
[6] Fol.47.
[7] Fol.65.
[8] Fol.39-44.

Ikkunsidrat:

17. Illi bħal kull każ ieħor meta tkun qed tiġi kkunsidrata eċċezzjoni dwar terminu ta' preskrizzjoni jew terminu ta' dekadenza, il-punt ta' tluq tal-konsiderazzjonijiet li għandha tagħmel il-Qorti għandu jkun dejjem jekk it-terminu eċċepit huwiex applikabbli għall-azzjoni esperita.

18. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur isostni li l-azzjoni tiegħu m'hijiex dik għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, iżda hija l-azzjoni ċivili magħmula mis-sid għar-rivendikazzjoni ta' ħwejġu mingħand terz pussessur, liema azzjoni hija kontemplata fl-artikolu 322 tal-Kodiċi Ċivili.

19. Il-Qorti kkunsidrat din is-sottomissjoni tal-attur, u eżaminat l-att promotur li bih inbdiet din il-kawża, tikkonkludi li ma taqbel xejn magħha.

20. Huwa miżmum minn ġurisprudenza sekolari illi l-indoli ta' kull azzjoni ġudizzjarja għandha tinstilet mill-premessi u mit-talbiet li jkunu saru mill-attur fl-att li bih tinbeda dik l-azzjoni. F'dan is-sens għalhekk ġie sewwa miżmum fid-deċiżjoni ***Vincenzo Grech et vs. Grazia Briffa*** (Appell Superjuri, 21 ta' Frar 1958)[9] illi: «*Hija ħaġa wisq magħrufa illi x-xorta tal-azzjoni eżerċitata hija determinata mit-termini tal-att promotorju tagħha; f'dan il-każ, iċ-ċitazzjoni tal-atturi u l-azzjoni hekk esperita ma tistax fil-kors tal-proċediment titbiddel f'azzjoni oħra. Il-Qorti, fil-għoti tas-sentenza, hi strettament marbuta bit-termini tal-azzjoni li jistitwixxi l-attur, u ma tistax toħroġ il-barra jew tmur aktar il-bogħod minnhom*».

21. Għalhekk ukoll mhux mogħti lill-attur li jipprova jbiddel in-natura tal-azzjoni dedotta minnu permezz ta' dikjarazzjonijiet li jsiru fl-atti tal-kawża. Fid-deċiżjoni ***Joseph Zammit et vs. Peter Paul Vella*** (Appell Superjuri, 28 t'April 2017) intqal:

> In-natura tal-azzjoni toħroġ mill-premessi u mit-talbiet, u mhux mid-definizzjonijiet li, tajjeb jew ħażin, jagħtu l-partijiet. In-nota li fiha l-atturi qalu li l-azzjoni hija waħda

[9] Kollezz. Vol.XLII.i.43.

> possessorja għalhekk ma kinitx torbot lill-ewwel qorti. Wara kollox, bin-nota tagħhom l-atturi ma fittxewx li jibdlu t-talbiet tagħhom iżda biss li jgħidu jekk, fil-fehma tagħhom, dawk it-talbiet kinux petitorji jew possessorji. Il-fatt li l-fehma tal-atturi kienet żbaljata ma jibdilx in-natura tat-talbiet.

22. Issa għalkemm huwa minnu li fit-talbiet tiegħu l-attur ma jitlobx b'mod espress it-tħassir ta' xi deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità konvenuta, huwa jrid li l-Qorti ssib li l-Awtorità kkonfiskat il-vettura mingħajr jedd. U fil-premessi tar-rikors ġuramentat tiegħu, huwa jsostni li l-Awtorità konvenuta aġixxiet "illegalment".

23. Fil-fehma tal-Qorti, l-aġir "illegali" li l-attur qiegħed jatribwixxi lill-Awtorità konvenuta jsib l-għajn tiegħu f'għemil amministrattiv. M'hemmx dubju li fil-konfiska tal-vettura tal-attur l-Awtorità konvenuta kienet qed taġixxi – tajjeb jew ħażin – a tenur tas-setgħat u tal-funzjonijiet amministrattivi li huma affidati lilha permezz tal-liġi ordinarja li tikkostitwiha. U bħala tali, kull konsiderazzjoni dwar jekk dawk is-setgħat u funzjonijiet amministrattivi ġewx eżerċitati "illegalment" jew le neċessarjament għandha ssir fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv.

24. Il-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati diversi drabi qieset li fejn f'kawża l-attur ma jitlobx it-tħassir ta' għemil amministrattiv, u jitlob ħwejjeġ oħra bħal danni, jibqa' l-fatt li kull determinazzjoni dwar dawk it-talbiet l-oħrajn impliċitament tinkorpora determinazzjoni dwar jekk awtorità pubblika mxietx skont il-liġi f'għemil amministrattiv imwettaq minnha. Per konsegwenza dik il-kawża għandha tiġi kkunsidrata abbażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (ara f'dan is-sens ***Roberto Zamboni noe vs. Id-Direttur tal-Kuntratti et*** (Appell Superjuri, 31 ta' Mejju 2002).

25. Fid-deċiżjoni ***Karmenu Mifsud vs. Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et*** (Appell Superjuri, 31 ta' Mejju 2013) intqal:

> 12. Għalhekk, hija premessa meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni tal-attur illi d-deċiżjoni tal-awtorità konvenuta tassew kienet waħda *ultra vires* għax abużiva u irraġonevoli: dan ma huwiex *datum* ta' fatt iżda jrid qabel xejn jiġi determinat billi tiġi mistħarrġa l-validità tal-għemil

> amministrattiv. Għalxejn l-attur jgħid illi "ma hemm l-ebda talba għat-tħassir jew għall-impunjazzjoni ta' xi għemil amministrattiv, iżda biss għas-sejbien ta' responsabbilità għad-danni", għax is-sejbien ta' responsabilità jista' jkun biss konsegwenza ta' stħarriġ dwar jekk ir-rifjut tal-awtorità kienx validu jew le. Il-fatt illi l-attur illum ma jeħtiġlux jitlob it-tħassir tar-rifjut tal-awtorità, għax il-permessi nħarġu b'konsegwenza tal-liberalizzazzjoni tas-suq, ma jfissirx illi ma jibqax meħtieġ li jsir stħarriġ tal-validità tar-rifjut biex jiġi determinat kienx għamil tajjeb jew le.

26. F'dan il-każ l-attur irid li l-Qorti tordna lill-Awtorità konvenuta tagħtih lura l-vettura tiegħu. Sabiex dan ikun possibbli, l-Qorti trid tara jekk l-Awtorità konvenuta mxietx *rite et recte* skont il-liġijiet amministrattivi li jirregolaw il-funzjonijiet tagħha – eżerċizzju dan li jista' jsir biss fil-qafas ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv.

27. Isegwi minn dan kollu li l-azzjoni tal-attur hija, fil-fatt, azzjoni ta' sħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv u għalhekk it-terminu eċċepit mill-Awtorità konvenuta huwa applikabbli għall-azzjoni.

28. Inżamm konsistentement li dan it-terminu huwa wieħed ta' dekadenza (ara, per eżempju, ***Marisa Bonanno vs. L-Università ta' Malta***, Prim'Awla, 9 ta' Diċembru 2015), u li t-terminu jibda għaddej minn meta l-parti ssir taf jew setgħet issir taf bl-għemil amministrattiv in kwistjoni, u mhux meħtieġa xi notifika formali (ara f'dan is-sens ***Dennis Tanti vs. Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***, Prim'Awla, 27 ta' Ġunju 2003 kif ukoll ***Avukat Dottor Ivan Sammut vs. Kunsill Lokali Żejtun et***, Prim'Awla, 31 t'Ottubru 2019).

29. Mill-atti huwa bil-wisq evidenti li l-attur kien jaf bit-teħid tal-vettura tiegħu ferm aktar minn sitt xhur qabel istitwixxa din il-kawża.

30. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta hija tajba u sejra tintlaqa'.

31. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta, u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur